MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Avviz Numru. 35/2001/1

**Avviz numru  35/01DM**

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza ta' Octavion  sindikat ta' Lloyds ta' Londra kif surrogat fid-drittijiet tal-assikurata taghhom  Michelle Lee Apap kemm bil-ligi kif ukoll bil-polza**

**Vs**

**Alexander Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, sabiex ihallas is-somma ta' Lm575 jew kull somma ohra verjuri danni sofferti mill-atturi in segwitu ghall-incident stradali li gara gewwa l-Mosta fis-27 ta' Marzu, 2000 bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni HMY – 134 misjuqa minnu u l-vettura numru JAE – 732

misjuqa minn Michelle Apap u proprjeta’ taghha u assikurata b’polza comprehensive mas-socjeta’ attrici u ghal liema incident kien hati unikament il-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta’ tharis lejn ir-regolament tat-traffiku, prevja d-dikjarazzjoni li ghal imsemmi incident kien hati unikament hu.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Gunju, 2000 u tad-data tal-avviz mibghuta lill-assikurazzjoni tieghu l-Omnibus Pool Insurance, bl-ingunzjoni tieghu ghas-subizzjoni u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali tal-15 ta’ Gunju, 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccipixxa illi:

1. Preliminarjament illi l-isem korrett tal-konvenut huwa Denis Michael Gatt u mhux Michael Gatt;
2. Il-konvenut ma hux responsabbli ghall-incident stante illi huwa ma kienx qed isuq il-vettura HMY – 134, u ma ghandu xejn x’jaqsam mal-incident in kwistjoni;
3. Sussidjarjament, illi lanqas ma tista tigi attribwita l-ebda tip ta culpa lill-konvenut stante li huwa ma huwiex il-propjetarju tal-vettura HMY –134 ;
4. Sussidjarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatt illi l-incident in kwestjoni gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku tal-assikurat tas-socjeta’ attrici, kif ghandu jirrizulta fil-kors tal-kawza ;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Ottubru, 2002, fejn il-konvenut, stante il-korrezzjoni f’ismu akkordata fit-28 ta’ Gunju, 2001, irrinunzja ghal- ewwel tlett eccezzjonijiet minnu sollevati ;

Semghet il-provi ;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kollizjoni sehhet bejn ‘Mini Van’ bin-numru HMY – 134 misjuqa mill-konvenut u ‘Skoda’ bin-numru JAE – 732 misjuqa minn Michelle Lee Apap assikurata mal-kumpanija attrici.

Il-kollizjoni sehhet meta s-sewwieqa Apap kienet qeghda tisporgi ghal go Triq il-Manwela, Mosta biex tesplora, u l-konvenut li kien provenjenti minn fuq ix-xellug taghha sposta ruhhu lejn il-lemin tieghu u laqat il-vettura ta’ Michelle Apap.

Evidentement, il-kawza diretta ta’ din il-kollizjoni kien l-ispostament tal-vettura misjuqa mill-konvenut lejn il-lemin tieghu biex b’hekk habat mal-vettura ta’ Michelle Lee Apap.

Ghalkemm mir-rapport tal-pulizija z-zewg sewwieqa huma rrapportati li qalu li l-manuvra tal-konvenut kienet dovuta minhabba illi ‘Mini Van’ ohra kienet hasdet lill-konvenut billi harget minn go ‘parking place’, fid-deposizzjoni taghha Michelle Lee Apap sosstniet illi b’ebda mod ma kienet allegat illi kienet harget xi ‘Mini Van’ minn gol-‘parking’, izda sostniet illi l-‘Mini Van’ kienet ipparkjata u baqghet hemm ipparkjata u li l-manuvra tal-konvenut ma kienetx dettata minn xi moviment ta’ xi vettura pparkjata imma biss mit-trajettorja hazina li huwa ghazel li jiehu.

Fi kwalunkwe kaz l-assikurata ma’ l-atturi ssostni illi hija kienet wieqfa fejn hija ndikata wieqfa fl-iskizz u rat il-manuvra kolla tal-konvenut tibda’ u tispicca.

Billi Michelle Lee Apap kienet ghalhekk stazzjonarja fil-vettura taghha, u b’ebda mod ma invadiet il-karregjata illi kien intiz li juza l-konvenut, kif anke jirrizulta mill-‘ispot of impact’ indikat fl-iskecc u l-posizzjoni tal-vettura ta’ l-istess Apap, ir-responabbilta esklussiva ghal din il-kollizjoni hija tal-konvenut u jista’ jehles minnha jekk jipprova u jista’ jghaddi din ir-responsabbilta’ tieghu lil xi terza persuna.

Izda l-konvenut b’ebda mod ma implika f’dawn il-proceduri xi terza persuna li setghet tirrispondi ghad-danni li kkawza

hu. Kif ukoll id-depozizzjoni tieghu stess wahedha mhux bizzejjed biex twassal ghal xi prova li seta' kien hemm responsabbilta' ta' xi terzi persuni u konsegwentement billi 'ex admissis' huwa ddevja mit-trajettorja tieghu u huwa qasam il-'crown of the road ' u huwa habat mal-vettura tal-assikurata tal-attyuri, huwa ghandhu jirrsipondi ghad-danni kollha sofferti mill-atturi.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut effettivament huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni minnu provokati fil-vettura ta' Michelle Lee Apap li ghalihom ghamlu tajjeb l-atturi Fogg Insurance Agencies Limited fil-kwalita' taghhom premessa.

Mid-deposizzjoni ta' Anthony Savona u mid-dokumenti prodotti jirrizulta ampjament illi d-danni totali sborzati mill-atturi biex jghamlu tajjeb ghal-hasra li sofriet il-vettura minnhom assikurata kienu ammontaw ghas-somma ta' hames mija, erbgha u tmenin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm584.51).li fil-fatt hija somma superjuri ghas-somma ta' hames mija, hamsa u sebghin lira Maltin li l-atturi qeghdin jitolbu f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant, tillikwida d-danni li soffrew l-atturi fis-somma ta' hames mija hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575) kif minnhom mitluba u stante r-responsabbilta' esklussiva tal-konvenut ghall-kollizzjoni 'de quo' tilqa t-talba attirici u tikkundannah ihallas din is-somma lill-atturi.

Ghal dawn il-mottivi ghalhekk il-Qorti qeghda tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz filwaqt li tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, tikkundannah ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija hamsa u sebghin lira Maltin (Lm575), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Gunju, 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------